

31999D0403

18.6.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 151/35

ID-DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-31 ta' Mejju 1999**

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/426/KE li tistipula kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw fl-Australja

(notifikata taħt dokumenti numru C(1999) 1405)

(Test b' rilevanza għall-Ftehim ŻEE)

(1999/403/KE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE⁽²⁾ u b' mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

(1) Billi l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/426/KE tal-25 ta' Ġunju 1997 li tistipula kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw fl-Australja⁽³⁾ tiddikjara li d-Dipartiment għall-Industriji Primarji u l-Enerġija — Awstral Quarantine and Inspection Service — (AQIS) għandha tkun l-awtorità kompetenti fl-Australja biex tivverifika u tiċċertifika l-konformità tal-prodotti tas-sajd u l-akwakultura mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KE;

(2) Billi, wara ristrutturazzjoni mill-gvern Awstraljan, l-awtorità kompetenti għaċ-ċertifikati tas-saħħa tal-prodotti tas-sajd (AQIS) inbidlet mid-Dipartiment għall-Industriji Primarji u l-Enerġija għad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, Sajd u Qtugħ tas-Siġar; u billi din l-awtorità l-ġidha hi kapaċi li effettivament tivverifika l-applikazzjoni tal-ligħiż fis-seħħ; billi huwa għalhekk, meħtieġ li tkun immodifikata n-nominazzjoni ta' l-awtorità kompetenti msemmija fid-Deċiżjoni 97/426/KE;

(3) Billi huwa konvenjenti li jkun armoniżżat il-kliem tad-Deċiżjoni 97/426/KE mal-kliem tad-Deċiżjoniijiet tal-Kummissjoni adottati reċentelement, li jistipulaw kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura fċerti pajiżi terzi;

(4) Billi l-miżuri li għalihom tipprovd i din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Komitħat Permanenti Veterinarju,

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 97/426/KEE għandha tkun modifikata kif ġej:

1. Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Id- Dipartiment ta' l-Agrikoltura, Sajd u Qtugħ ta' Siġar — Australian Quarantine and Inspection Service — (AQIS) għandu jkun l-awtorità kompetenti fl-Australja biex jivverifika u jiċċertifika il-konformità tal-prodotti tas-sajd u l-akwa kultura mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.”

2. Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Il-prodotti tas-Sajd u l-akwakultura li joriġinaw fl-Australja iridu jikkonformaw ma' dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. kull kunsinna għandha tkun akkumpanjata b'ċertifikat oriġinali enumerat, debitament mimilja, ffirmata, datata u li tkun tikkonsisti minn folja waħda skond il-mudell fl-Anness A hawn meħmuż;

2. il-prodotti għandhom ikunu ġejjin minn stabbilimenti approvati, bastimenti fabbrika, kmamar tat-tkessieħ jew bastimenti reġistrati bil-friża elenkat fl-Anness B hawn meħmuż;

3. ħlief fil-każ ta' prodotti tas-sajd iffriżati fammonti kbar u maħsuba għall-manifattura ta' ikel ippreservat, il-pakketti kollha għandhom juru l-kelma ‘AWSTRALJA’ u n-numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbilimenti, bastiment fabbrika, kamra tat-tkessieħ jew basiment bil-friża ta' oriġini f'ittri li ma jistgħux jitħassru.”

3. L-Anness A għandu jiġi sostitwit bl-Anness hawn meħmuż.

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.⁽²⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.⁽³⁾ ĠU L 183, tal-11.7.1997, p. 21.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussel, fil-31 ta' Mejju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

“ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-prodotti tas-sajd u l-kwakultura li joriġinaw fl-Awstralja u maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea

Nru ta' Referenza:

Pajjiż tat-tluq: AWSTRALJA

Awtorità Kompetenti: Dipartiment Awstraljan ta' l-Agrikoltura, Servizzi ta' l-Ispezzjoni tas-Sajd u Qtugħ ta' Siġar (AQIS)

I. Dettalji li jidtegħi kieni minn il-prodotti tas-sajd

- Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd/akwakultura (¹):
- Speċi (isem xjentifiku):
- presentazzjoni ta' prodott u tip ta' trattament (²):
- Numru tal-Kodiċi (fejn disponibbli):
- Tip ta' ppakkeġġar:
- Numru ta' pakketti:
- Piż nett:
- Temperatura tal-ħażna u trasport:

II. Oriġini tal-prodotti

Isem (lsmijiet) u numru/i ta' approvazzjoni uffiċjali ta' stabbiliment(i), bastiment/i tal-fabrika, jew kamra/kmamar tat-kessiech approvati jew bastiment/i bil-friża reġistrati mill-AQIS għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea:

.....
.....

III. Destinazzjoni tal-prodotti

Il-prodotti huma mibgħuta

minn:
(post tat-tluq)lill-:
(pajjiż u post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi ta' trasport li ġejjin:

Isem u indirizz ta' min jibgħat:

.....
.....

Isem ta' minn jirċievi u indirizzi fil-post ta' destinazzjoni:

.....
.....

IV. Attestazzjoni tas-saħħa

- L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u l-akwakultura speċifikati hawn fuq:
- 1. kienu maqbuda u nimaniġġati abbord bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa stipulati fid-Direttiva 92/48/KEE;

(¹) Ħassar kif japplika.

(²) Ħaj, refriġerat, iffriżat, immellaħ, ipprofumat, ippreservat, eċċ.

2. tniżżlu l-art, immaniġġati u fejn xieraq, ippakkjati, ippreparati, pproċessati, imdewba u maħżuna iġenikament skond il-ħtiġiet stipulati fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
 3. għaddew minn kontrolli tas saħħa skond il-Kapitolo V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
 4. huma ppakkjati, mmarkati, maħżuna u ttrasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
 5. ma jkunux ġejjin minn speċi tossiċi jew speċi li jkun fihom il-bijotossini;
 6. ikunu sodisfacjetemtn għaddew mill-verifikasi organoleptiči, parassitologiċi, kimiċi u mikrobiologiči stipulati għal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u d-deċiżjonijiet ta' implantazzjoni tagħha;
 7. b'żieda, fejn il-prodotti tas sajd jiġu ffriżati jew molluski bi-valvoli pproċessati: il-molluski jkunu nkisbu miż-żoni approvati ta' produzzjoni stipulati fl- l-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/427/KE tal-25 ta' Ġunju 1997 li tistipula kondizzjonijiet specjalji għall-importazzjoni ta' molluski bi-valvoli, ekinodermi, tunikati u gastropodi marini li joriġinaw fl-Awstralja.
- L-ispettur uffiċjali hawn taħt issfirmat jiddikjara li huma konxju mid-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, id-Direttiva 92/48/KEE u d-Deċiżjoni 97/436/KEE.

Magħmul fi: , nhar:
 (Post) (Data)



.....
 Firma ta' l-ispettur uffiċjali (るもの)

.....
 (isem f' ittri kbar, kariga u kwalifikati tal-persuna li qed tiffirma)

(るもの) Il-Kulur tat-timbru u l-firma jridu jkunu differenti minn dak tal-partikolari l-oħra fiċ-ċertifikat.